# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 26 ta’ Mejju, 2021**

**Numru 3**

**Rikors numru 700/08/1 AE**

**Samuel sive Sunny Baldacchino**

**v.**

**Amabile Camilleri u martu Anna Camilleri u Registratur tal-Artijiet**

Preliminari:

1. L-attur għamel din il-kawża sabiex jiġi dikjarat li biċċa art f’Ħaż-Żebbuġ (Malta) allegatament proprjeta` tiegħu u okkupata minnu ġiet reġistrata f’isem il-konvenuti Camilleri mar-Reġistru tal-Artijiet bi frodi,

illegalment u b'mod abbużiv u li fi kwalunkwe każ tali reġistrazzjoni hija soġġetta għall-interessi li jipprevalu favur id-drittijiet tiegħu; u biex konsegwentement jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji, inkluż il-kanċellament tal-imsemmija reġistrazzjoni. L-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Novembru 2015 għamlet riferenza għad-deċiżjoni mogħtija minnha wkoll dakinhar stess fil-kawża ***Amabile Camilleri et v. Samuel Baldacchino*** (498/2008/AE) fejn iddeċidiet li Samuel Baldacchino għandu titolu fuq parti mill-art in kwistjoni (dik immarkata B fuq il-pjanta a fol 585) u li l-konjuġi Camilleri għandhom titolu fuq il-parti l-oħra tal-art in kwistjoni (dik immarkata A fuq il-pjanta a fol 585) u konsegwentement f'din il-kawża odjerna laqgħet it-talbiet tal-attur limitatament għall-parti tal-art immarkata B fuq il-pjanta a fol 585. L-attur ħassu aggravat min tali deċiżjoni u għalhekk interpona l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sentenza appellata:

Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-14 ta' Lulju 2008, l-atturi ppremettew:

> (i) "Illi l-esponenti jokkupa porzjon art li tinstab f'Hal Dwieli z-Zebbug accessibli minn sqaq pubbliku maghruf bhala Sqaq numru 1, li jizbokka fi Triq Hal Dwieli tal-kejl ta' circa din ir-raba ta' mitejn u hamsa u disghin metri kwadri jew kejl iehor verjuri, liema raba hija murija fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dokument A;
>
> (ii) Illi l-imsemmi porzjon art ilu ghand il-familja tal-esponenti ghal dawn l-ahhar circa mija u ghaxar (110) snin u dan stante illi sakemm

jiftakar l-esponenti din kienet minn dejjem f'idejn u fil-pussess tan-nannu tal-esponenti;

(iii) lli tlieta mill-kmamar li jinstabu fuq l-porzjon art in kwistjoni gew mibnija mill-esponenti aktar minn tletin (30) sena ilu u li l-istess kmamar u l-propjeta' l-ohra fosthom ghorfa minn dejjem kienu okkupati mill-esponenti;

(iv) Illi l-intimati Camilleri qatt ma kellhom titolu validu, pussess jew detenzjoni legali fuq l-istrutturi u l-porzjon art in kwistjoni li kienu minn dejjem okkupati mill-familja tal-esponenti u tal-esponenti stess ghal tul ta' zmien, minghajr ebda interuzzjoni u ghadhom hekk sa llum;

(v) Illi din il-porzjon art giet akkwistata mill-attur in parte bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali u in parte permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Antoine Agius datat 13 ta' April 1995 (Dok B);

(vi) Illi l-intimati huma proprjetarji ta' porzjon art attigwa ma' dik gja' deskritta hawn fuq proprjeta' tal-esponenti;

(vii) Illi recentement l-esponent sar jaf li l-porzjon ta' art proprjeta' tal-istess esponent u hekk okkupata minnu giet registrata f'isem l-intimati Amabile u Anna konjugi Camilleri mar-Registru tal-Artijiet;

(viii) Illi r-registrazzjoni da parti tal-intimati konjugi Camilleri mar-Registru tal-Artijiet ta' porzjon art appartenenti u okkupata mill-esponent saret bi frodi, illegalment u b'mod abbusiv u fi kwalunkwe kaz tali registrazzjoni hija suggetta ghall-interessi li jipprevalu ghaf-favur tad-drittijiet tal-esponent fuq listess proprjeta' kif ser jigi pruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza".

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. "tiddeciedi u tiddikjara li l-porzjon art mertu ta' din il-kawza hija okkupata mir-rikorrent Samuel sive Sunny Baldacchino bhala l-proprjeta' tieghu;

2. tiddikjara li r-registrazzjoni relattiva li saret mill-intimati mar-Registru talArtijiet hija abbusiva u llegali;

3. konsegwentement tikkundanna lill-intimati jirtiraw ir-registrazzjoni li kienu rregistraw mar-Registru tal-Artijiet in konnessjoni mal-istess art;

4. tinnomina kuraturi f'kaz li l-intimati jonqsu li jersqu ghall-korrezzjoni fuq imsemmija;

5. tordna lir-Registratur jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji nkluz ilkancellament tar-registrazzjoni li saret mill-intimati fuq l-art in kwistjoni sabiex l-art mertu ta' din il-kawza ma tibqax registrata fuq l-intimati izda tigi registrata unikament f'isem l-esponent.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni".

Permezz ta' tweġiba ġuramentata preżentata fl-10 ta' Novembru 2008, il-konvenuti konjugi Camilleri wieġbu:-

1. "Illi ghar-rigward tal-art ta' kejl superficjali ta' 295 metri kwadri ndikata fid-dokument 'A', din hija propjeta' tal-esponenti li akkwistawha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-5 ta' Dicembru 1997;

Illi in segwitu ghall-istess kuntratt l-esponenti registraw din l-art mar-Registratur tal-Artijiet u nhareg certifikat apposit fis-16 ta' Jannar 1998 u llum dan ic-certifikat gie kkonfermat u huwa finali;

2. Illi inoltre, ghar-rigward tal-akkwist maghmul minn Samuel Baldacchino permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Agius tat-13 ta' April 1995 inhareg certifikat skond pjanta hawn mehmuza bhala Dok 'X', liema pjanta ma tinkludix l-ebda parti mill-295m² ta' art indikata fil-pjanta Dok 'A' annessa mar-rikors guramentat u ma tinkludi l-ebda propjeta' tal-esponenti. Illi ghalhekk l-ebda parti mil-295m² ta' art indikata fid-Dokument "A" ma gie akkwistat mir-rikorrent b'rizultat ta' dan il-kuntratt;

3. Illi lanqas mar-rikorrenti akkwista l-parti mil-295m² propjeta' indikata fuq id-Dok 'A' bis-sahha tat-titolu ta' preskrizzjoni. Huwa <u>qed jokkupa biss parti</u> minnha u qed jokkupaha abbusivament u minghajr titolu u dwar dan hemm proceduri ohrajn pendenti kontra tieghu li gew istitwiti mill-esponenti f'kawza pendenti quddiem il-Qorti fl-ismijiet inversi. Il-kumplament ta' l-295m² art fid-Dokument A li huwa qed jokkupa qed jaghmel dan sakemm jitfacca sidha u meta jitfacca sidha jaghatijilu izda ghal xi raguni li jaf hu, qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lill-esponenti bhala s-sid tal-istess propjeta' minkejja li gew prezentati provi sodisfacjenti skond il-ligi;

4. Illi ghar-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti illi hemm porzjoni ta' art tieghu li hija okkupata minnu u registrata minn l-esponenti, dan huwa michud enfatikament mill-esponenti;

5. Illi l-esponenti ma kommettaw ebda frodi u lanqas ma mxew illegalment jew b'xi mod abuziv izda fil-fatt huwa l-istess Samuel Baldacchino li qed jmexxi llegalment u b'mod abuziv stante illi huwa qed jokkupa propjeta' li jaf li mhiex tieghu u jaf hija tal-esponenti

qieghed rifjuta li jivvaka kif trid il-ligi".

Permezz ta' tweġiba ġuramentata preżentata fit-13 ta' Awwissu, 2008, il-konvenut Reġistratur tal-Artijiet wieġeb:-

1. "Illi permezz ta' l-applikazzjoni LRA3019/97, prezentata fis-17 ta' Dicembru, 1997 gie registrat f'isem Carmela Baldacchino kwart indiviz tar-raba maghruf bhala "Ta' Hal Dwiel" sive "Tax-Xewk" u sive "Hal-Xluq" f'Haz-Zebbug, accessibbli minn sqaq pubbliku maghruf bhala Sqaq nru.1 fi Triq Hal-Dwieli u accessibbli wkoll minn Triq Dun Karm Psaila;

2. Illi sussegwentement permezz ta' l-applikazzjoni LRA 3020/1997, prezentata wkoll fis-17 ta' Dicembru, 1997 ir-raba fl-intier tieghu gie registrat f'isem Amabile Camilleri u Anna Camilleri;

3. Illi r-raba hu registrat f'isem il-konjugi Camilleri permezz tac-certifikat ta' titolu 07002531 u l-bazi tieghu hu kuntratt ta' xiri fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-5 ta' Dicembru, 1997;

4. Illi stante li ghaddew ghaxar snin minn meta saret l-ewwel registrazzjoni tal-proprjeta' u stante li f'dak il-perjodu ma saret l-ebda applikazzjoni biex tinkiser il-preskrizzjoni u lanqas ma giet depozitata xi kawzjoni, lanqas mill-attur, it-titolu gie konvertit f'garantit u dan ai termini ta' l-Artikolu 23(2) tal-Kapitolu 296;

5. Illi barra minn hekk ladarba ghaddew ukoll ghaxar snin minn meta l-proprjeta' iddahhlet fir-Registru, ma tista ssir ebda korrezzjoni fir-registru dwarha salv biex jinghata effett lil interess li jipprevali u dan ai termini ta' l-Artikolu 51(3) tal-Kapitolu 296;

6. Illi l-attur jsostni li ghandu interessi li jipprevalu favurih pero' naqas milli jispecifika liema mill-interessi elenkati mil-ligi ghandu favurih;

7. Illi, salv dak li jinghad hawn fuq, l-esponent jirrileva li l-presenza tieghu fil-kawza hi necessarja biss ghall-skop ta' l-eventwali esegwibilita' tal-gudizzju tal-Qorti ai termini tal-artikolu 51(5) tal-Kap.296 u ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti";

Il-Qorti rat l-atti li jinkludu r-rapport tal-perit legali Dr Anna Mallia, u noti

ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

1. Din il-kawża hi konnessa mal-kawża li ġiet deċiża llum fl-ismijiet **Amabile Camilleri et v. Samuel Baldacchino** (Rikors 498/2008AE). Il-provi huma l-istess. L-eżitu` ta' din il-kawża jiddependi minn dak li ġie deċiż fil-kawża 498/2008AE.

2. F'nota ta' sottomissjonijiet preżentata fid-19 ta' Ġunju 2015 il-konvenut iddikjara:

> *"5. Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri, l-esponenti, minkejja li huwa inizjalment kien qed jafferma li l-parti l-hamra kienet tieghu, minn ezami ta' relazzjoni dettaljata tal-Perit Legali Dr Anna Mallia, kkonvinca ruhu u ghalhekk, biex ma jkomplix itawwal il-materja, mill-ewwel iddikjara li* ***qed jaqbel ma' tali relazzjoni u li huwa ghalhekk m'ghadux qed jivvanta pretensjonijiet fuq il-parti l-hamra".***

3. Il-Qorti tirreferi għal konsiderazzjonijiet kollha li saru f'dik il-kawża, u tapplikahom għal din il-kawża.

4. Fis-sentenza li ngħatat iktar qabel illum fil-kawża 498/2008, ġie determinat li:-

i. "Il-konvenut Camilleri hu sid ta' dik il-parti tal-art markata bl-ittra A u delinejata bil-kulur aħdar a fol. 585 tal-proċess ta' dik il-kawża, u l-attur

Baldacchino m'għandux titolu.

ii. L-attur Baldacchino hu sid ta' dik il-parti tal-art markata bl-ittra B u delinejata bil-kulur aħmar a fol. 585 tal-proċess ta' dik il-kawża.

Billi il-kawża in eżami tittratta dwar l-istess art u fiż-żewg kawżi l-kwistjoni hi dwar min hu s-sid tal-art, din is-sentenza trid tirrifletti dak li ġie deċiż illum fil-kawża fl-ismijiet **Amabile Camilleri et v. Samuel Baldacchino (498/2008).**

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet li huma konformi ma' dak li ser jingħad hawn taħt u tiċħad l-eċċezzjonijiet li m'humiex u:-**

**1. Tiċħad it-talbiet in kwantu dawn jirreferu għall-porzjon art markata bl-ittra A u delinejata bil-kulur aħdar fil-pjanta a fol. 585 tal-proċess tal-kawża deċiża llum fl-ismijiet Amabile Camilleri et v. Samuel sive Sunny Baldacchino (498/2008AE).**

**2. Tilqa' l-ewwel talba in kwantu din tirreferi għall-porzjon art markata bl-ittra B u delinejata bil-kulur aħmar fil-pjanta a fol. 585 tal-proċess tal-kawża deċiża llum fl-ismijiet Amabile Camilleri et v. Samuel sive Sunny Baldacchino (498/2008AE).**

**3. Tilqa' l-kumplament tat-talbiet fir-rigward tal-porzjon art markata bl-ittra B u delinejata bil-kulur aħmar fil-pjanta a fol. 585 tal-proċess tal-**

**kawża deċiża llum fl-ismijiet Amabile Camilleri et v. Samuel sive Sunny Baldacchino (498/2008AE).**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jieħdu ħsieb li jagħmlu dak kollu li hemm bżonn sabiex iċ-ċertifikat ta' titolu 07002531 maħruġ mir-Reġistru tal-Artijiet favur tagħhom, ma jibqax jinkludi l-porzjon art li permezz ta' din is-sentenza ġie kkonfermat li hi proprjeta` tal-attur. Dan kollu fi żmien tletin (30) jum mil-lum u għas-spejjeż tal-konvenuti.**

**5. Tinnomina lill-avukatessa Dr Abigail Critien bħala kuratrici fl-eventwalita` li l-konvenuti ma jwettqux l-ordni tal-Qorti. Spejjeż a karigu tal-konvenuti.**

**6. Tordna lir-Reġistratur tal-Artijiet sabiex jagħmel il-korrezzjoni relattiva li tkun tirrifletti dak li ġie deċiż f'din is-sentenza.**

**Kumplament tal-ispejjeż inklużi dawk tar-Reġistratur tal-Artijiet jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-attur u 30% a karigu tal-konvenut".**

## Rikors tal-appell tal-attur (11.12.2015):

3. Permezz tal-appell tiegħu l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu laqgħet it-talbiet tiegħu fir-rigward tal-art immarkata bl-ittra B u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta a fol 585 tal-proċess tal-kawża 498/2008/AE, tvarjaha in

kwantu ċaħdet tiegħu fir-rigward tal-art immarkata bl-ittra A u delineata bl-aħdar fuq l-imsemmija pjanta, u minflok tilqa' t-talbiet kollha tiegħu fir-rigward tal-art immarkata bl-ittra A u dan ai termini tal-Artikolu 43(1)(c) u sussidjarjament, tilqa' t-talbiet attriċi fir-rigward ta' tali art immarkata bl-ittra A ai termini tal-Artikolu 43(1)(d).

4. L-aggravji tiegħu huma kif ġej:

- Huwa prevvist mil-liġi li korrezzjoni fir-Reġistru tista' ssir għall-finijiet ta' interessi li jipprevalu anke jekk persuna oħra jkollha titolu garantit. Huwa jikkontendi li huwa proprjetarju tal-art indikata bl-ittra A fuq il-pjanta a fol 585 fl-atti tal-kawża 498/2008/AE bis-saħħa tal-preskrizzjoni, u li inoltre huwa in okkupazzjoni tal-imsemmija art u li allura japplikaw is-subinċiżi (c) u (d) tal-Artikolu 43 tal-Kap 296.

- <u>Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 43(1)(c)</u> li jittratta dwar "***jeddijiet akkwistati jew li jkunu se jiġu akkwistati bil-preskrizzjoni jew b'konfiska jew bħala bona vacantia***" isostni li mill-provi jirriżulta li hu u l-antenati tiegħu ippossedew bħala tagħhom l-art in kwistjoni u għalhekk huwa għandu interess li jipprevali fil-kuntest tal-Artikolu 43(1)(c). Huwa (l-istess kif għamel fl-appell tiegħu fil-kawża 496/2008/AE) jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma ġiex pruvat li l-pussess tal-art kien "*animo domini*" u jsostni invece l-kuntrarju.

- Mingħajr preġudizzju għall-kontenzjoni tiegħu li għandu drittijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 43(1)(c), jirrileva li l-ewwel Qorti kellha tqis in subsidium l-azzjoni odjerna anke taħt l-Artikolu 43(1)(d) li jittratta dwar ***"jeddijiet ta' kull persuna li fil-fatt tkun qed tokkupa l-art, ħlief meta jintalab tagħrif b'att ġudizzjarju lil dik il-persuna u l-jeddijiet ma jiġux żvelati."*** Jargumenta li ladarba l-ewwel Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża 498/2008/AE qalet li temmen li l-art għamlet snin twal fil-pussess tiegħu u li hekk għadha, il-konklużjoni loġika li ssegwi hi li huwa għandu interess li jipprevali taħt dan is-subinċiż. Jenfasizza li ma jirriżultax li l-konvenuti Camilleri qatt ippreżentaw l-att ġudizzjarju imsemmi taħt dan is-subinċiż.

**L-ebda Risposta tal-appell da parti tal-konvenuti Camilleri:**

5. Minkejja li l-konvenuti Camilleri ġew notifikati bir-rikors tal-appell fl-14 ta' Diċembru 2015 huma ma ppreżentawx ir-risposta relattiva tagħhom.

**Risposta tal-appell tal-konvenut ir-Reġistratur tal-Artijiet:**

6. Ir-Reġistratur tal-Artijiet wieġeb biex jgħid li jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti.

7. Huwa spjega li peress li kienu għaddew 10 snin minn meta saret l-ewwel reġistrazzjoni tal-proprjeta` u stante li f'tali perjodu ma saret l-ebda applikazzjoni biex tinkiser il-preskrizzjoni u lanqas ma ġiet depożitata xi kawzjoni, lanqas mill-attur, it-titolu ġie konvertit f'wieħed garantit ai termini tal-Artikolu 23(2) tal-Kap.296 tal-Liġijiet ta' Malta. Kompla jgħid li anke meta t-titolu jkun sar garantit, xorta waħda jeżistu l-hekk imsejħa "*interessi li jipprevalu*" skont l-Artikolu 43 u spjega li huma "*eċċezzjoni għaċ-ċertezza tat-titolu li joffri ċ-ċertifikat*." Qal li quddiem il-Qorti l-attur ikollu dritt iġib prova li huwa jgawdi minn interess li jipprevali u jekk jirnexxilu, l-interess jista' jipprevali anke jekk is-sid reġistrat ma kienx jaf bl-eżistenza ta' tali interessi.[1]

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

8. Fil-kawża 498/2008/AE fl-ismijiet ***<u>Amabile Camilleri et v. Samuel Baldacchino</u>*** l-ewwel Qorti kkonkludiet li dik il-parti tal-art in disputa mmarkata bl-ittra B u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta a fol 585 kienet fil-fatt ta' Samuel Baldacchino, kif anke ammettew l-istess Amabile u Anna Camilleri fil-mori tal-kawża; kwantu għal dik il-parti tal-art in disputa immarkata bl-ittra A u delineata bl-aħdar fuq il-pjanta a fol 585 ikkonkludiet li Amabile u Anna Camilleri ppruvaw li huma l-proprjetarji tagħha abbażi tal-kuntratt ta' akkwist u tat-Ċertifikat ta' Titolu maħruġ

[1] Anthony Farrugia et vs Baldacchino Holdings Ltd gia JD2M (App Superjuri 30.05.2014)

mir-Reġistru tal-Artijiet li huwa garantit, u li Samuel Baldacchino invece ma ppruvax li kien akkwista tali art bil-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena. Għalhekk laqgħet it-talbiet ta' Amabile u Anna Camilleri fir-rigward tal-art immarkata bl-ittra A u delineata bl-aħdar, u ċaħdithom fir-rigward tal-art immarkata bl-ittra B u delineata bl-aħmar fuq l-imsemmija pjanta.

9. Konsegwentement fil-kawża odjerna, u b'referenza għall-eżitu` tal-kawża 700/2008/AE ċaħdet it-talbiet ta' Samuel Baldacchino in kwantu jirreferu għall-art immarkata bl-ittra A u delineata bl-aħdar fuq il-pjanta a fol 585 tal-atti tal-kawża 498/2008/AE, u laqgħethom in kwantu jirreferu għall-art immarkata bl-ittra B u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta a fol 585 tal-atti tal-kawża 498/2008/AE.

10. L-attur Samuel Baldacchino ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni. Huwa jsostni li għandu **interess li jipprevali** ai termini tal-Artikolu 43(1)(c) tal-Kap 296, u sussidjarjament ai termini tal-Artikolu 43(1)(d). Fil-fatt fir-rikors ġuramentat tiegħu huwa kien ippremetta li "*fi kwalunkwe każ* (cioe` anke jekk jirriżulta li r-reġistrazzjoni ma saritx abbużivament u illegalment) *hija suġġetta għall-interessi li jipprevalu għaf-favur tad-drittijiet tal-esponent fuq l-istess proprjeta`…"*

11. L-ewwel Qorti ma kkonsidratx jekk l-attur fil-fatt kellux *"interess li jipprevali"* fuq l-art indikata bl-ittra A u delineata bl-aħdar. Madanakollu l-

aggravju tiegħu f'dan ir-rigward jirriżulta ampjament infondat, u dan kemm ai termini tal-Artikolu 43(1)(c) u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 43(1)(d) tal-Kap 496.

12. Kwantu għall-Artikolu 43(1)(c) li jittratta dwar:

> "*jeddijiet akkwistati jew li jkunu se jiġu akkwistati bil-preskrizzjoni jew b' konfiska jew bħala bona vacantia*"

Din il-Qorti ma tarax kif dan jista' jkun applikabbli favur tiegħu ġialadarba fil-kawża l-oħra 498/2008/AE ġie stabbilit (u kkonfermat llum stess minn din il-Qorti) li l-okkupazzjoni tal-art mhux wieħed *animo domini*. Ergo ma hemm l-ebda "*jedd*" akkwistat jew li se jiġi akkwistat bil-preskrizzjoni fuq dik il-parti tal-art immarkata bl-ittra A u delineata bl-aħdar.

13. Kwantu għall-Artikolu 43(1)(d) li jittratta dwar:

> *"jeddijiet ta' kull persuna li fil-fatt tkun qed tokkupa l-art, ħlief meta jintalab tagħrif b'att ġudizzjarju lil dik il-persuna u l-jeddijiet ma jiġux żvelati."*

Din il-Qorti hawnhekk ukoll ma tarax kif dan jista' jkun applikabbli favur tiegħu. Il-fatt li l-ewwel Qorti stess ikkonkludiet li l-art immarkata bl-ittra A u delineata bl-aħdar għamlet snin twal fil-pussess tiegħu u li hekk għadha, pero` b'titolu prekarju kif jagħti x'jifhem hu stess meta xehed fil-25 ta' Frar 2005 fil-kawża ***Il-Pulizija v. Samuel Baldacchino*** meta qal *"Meta jiena xtrajt il-ġardina, din l-art ma rreġistrajthiex ma' tiegħi, biex jekk*

*xi darba jinqala' sidha jurina d-dokumenti, inċeduhielu billi aħna ma rridux nisirqu ħwejjeġ in-nies. Pero` sadattant qiegħda f' idejja u nagħmel minnha jiena. Dejjem użajniha kemm meta n-nannu kellu l-mogħoż u kemm meta jien kelli l-majjali"* ma tagħtih l-ebda "*jedd"* kif sanċit taħt dan is-subinċiż u għaldaqstant ma jistax jitqies bħala li għandu interess li jipprevali abbażi tiegħu.

**Decide:**

14. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.*

15. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Registratur<br>da